

## Il-Parlament jitlob azzjoni biex tissolva l-kriżi tal-akkomodazzjoni



©AdobeStock\_Mulderphoto

**Il-Parlament Ewropew qed jitlob lill-pajjiżi tal-UE jieħdu azzjoni dwar il-kriżi tal-akkomodazzjoni biex ikun hemm djar għall-but ta' kulħadd u aktar investiment f'akkomodazzjoni deċenti.**

In-nuqqas ta' akkomodazzjoni bi prezz aċċessibbli qed isir problema dejjem akbar fl-UE; il-prezzijiet tal-proprietà u l-kirjet qed jiżdiedu l-ħin kollu meta mqabbla mal-introjt u tħalli tħalli.

Fil-21 ta' Jannar il-Parlament adotta riżoluzzjoni li fiha talab lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-akkomodazzjoni adegwata bħala dritt fundamentali tal-bniedem infurzabbli permezz tal-leġiżlazzjoni. Kulħadd għandu jkollu aċċess ugħali għal akkomodazzjoni deċenti u sana,

b'konnessjoni ma' ilma tax-xorb ta' kwalità għolja, sanità adegwata, drenaġġ u enerġija affidabbi, qalu I-MEPs.

## Il-kriżi tal-akkomodazzjoni – problema għal kulħadd

Is-sitwazzjoni marret għall-agħar partikolarment għas-sidien bi dħul baxx u l-kerrejja privati, iżda anke persuni b'introjtu medju qed jisfaw mgħobbija żżejjed bl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-manutenzjoni. Ġenituri waħedhom, familji kbar u żgħażaqgħ fl-ewwel impjieg – b'mod speċjali – għandhom introjtu baxx wisq biex jaffordjaw il-kirjet tas-suq, u għoli wisq biex jagħmilhom eliġibbli għall-akkomodazzjoni soċjali.

It-tifqigħha tal-coronavirus xeħtet l-attenzjoni anke fuq il-problema tal-akkomodazzjoni, billi wisq nies qed ikollhom iqattgħu l-lockdown fi djar bi standards baxxi. Fuq medda medja ta' żmien, il-kriżi mistennija tkompli żżid l-għadd ta' persuni mingħajr dar.

### **Xi tħisser akkomodazzjoni għall-but ta' kulħadd?**

- Il-proporzjon bejn il-prezz tal-akkomodazzjoni u l-introjtu huwa l-aktar kriterju użat komunement biex titkejjel l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet.
- Bejn l-2010 u l-2018, is-sehem tal-popolazzjoni li tonfoq aktar minn 40% tal-introjtu disponibbli tagħha fuq l-akkomodazzjoni kien ta' madwar 10% fl-EU-27. Jeżistu differenzi sostanzjali bejn pajjiż u ieħor.

## X'inhuma l-kawżi tal-problema tal-akkomodazzjoni?

It-trasformazzjoni tal-akkomodazzjoni f'assi finanzjarji jew komoditajiet hija waħda mill-fatturi ewlenin taż-żieda fl-ispejjeż. In-nies jixtru proprietà oħra biex jiġi generaw introjtu addizzjonali u jissupplimentaw il-pensionijiet tagħhom. L-investiment barrani jikkontribwixxi biex jiżdiedu l-prezzijiet tal-proprietà lokalment, u pjattaformi bħal Airbnb inaqqsu l-akkomodazzjoni disponibbli għan-nies tal-lokal, speċjalment fiċ-ċentri tal-bliet.

Minbarra dan kollu, jeżistu differenzi sinifikanti bejn Stat Membru u ieħor fir-rigward tal-politiki tagħhom dwar l-akkomodazzjoni soċjali.

### **L-akkomodazzjoni fl-UE: fatti u ċifri**

- f'dawn l-aħħar tliet snin il-prezzijiet tad-djar fl-EU għolew b'medja ta' 5%
- l-infiq fuq l-akkomodazzjoni soċjali (trasferimenti u kapital) mill-gvernijiet jirrappreżenta 0.66% biss tal-PDG Ewropew
- akkomodazzjoni inadegwata tiswa lill-ekonomiji tal-UE €195 biljun fis-sena

## X'soluzzjonijiet qed jipproponi l-Parlament



L-UE tista' tinfluwenza s-suq tal-akkomodazzjoni indirettament permezz tar-regoli dwar l-  
għajnuna mill-Istat, il-liġi fiskali u tal-kompetizzjoni u bl-adozzjoni ta' linji gwida u  
rakkmandazzjonijiet. Pereżempju, bidliet fir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat jistgħu jagħmluha  
aktar faċi għall-awtoritajiet pubbliċi biex jappoġġjaw lill-gruppi kollha li l-ħtiġi jiet tal-  
akkomodazzjoni tagħhom ma jkunux jistgħu jiġi ssodisfati faċilment bil-kundizzjonijiet tas-suq.

Fir-riżoluzzjoni tagħhom, l-MEPs

- itennu l-appell tagħhom għal mira fil-livell tal-UE biex [sal-2030 ma jkunx hemm aktar persuni mingħajr dar;](#)
- jitkolbu lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi tal-UE jagħtu priorità lit-tnaqqis fl-emissionijiet u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija permezz tar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet, bi qbil mal-[Patt Ekoloġiku](#);
- iħeġġu lill-Istati Membri jikkollaboraw dwar il-finanzjament tal-investiment soċjali mas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u s-setturi privat;
- jitkolbu lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni fil-konfront ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tal-akkomodazzjoni;
- jitkolbu lill-Kummissjoni biex, sa nofs l-2021, tressaq proposti leġiżlattivi kontra t-trattament tad-djar bħala assi negozjabbli aktar milli dritt tal-bniedem;
- iħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu aktar f'akkomodazzjoni soċjali, pubblika, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, adegwata u affordabbli.

Aktar dwar x'qed jagħmel il-Parlament fil-qasam tal-politika soċjali

## Għal aktar informazzjoni

Passi proċedurali

Studju: Policies to ensure access to affordable housing (2020)

Rapporteur: Kim van Sparrentak ([Ħodor/AHE, NL](#))

